MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 829/2008

**Mansfeld Dietmar**
**vs**

**Ganymede Limited et**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat ir-rikors tas-socjeta' Ganymede Limited li permezz tieghu ppremettiet:

1. Illi fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Frar sena elfejn u tmienja (2008) fuq talba ta' Dietmar Josef Mansfeld inhareg il-mandat ta' sekwestru **308/2008** fl-ismijiet 'Dietmar Josef Mansfeld vs Ganymede Limited' kontra l-imsemmija socjeta' esponenti ghas-somma ta' €155,543.91 bhala sorte in kawtela ta' allegati '*drittijiet u* '*commission*' *a bazi ta' ftehim bejn il-partijiet*'. Dan il-

mandat ta' sekwestru nhareg kontra s-socjeta' esponenti u gie esegwit f'idejn, fost ohrajn il-Bank of Valletta plc. (ara kopja tal-mandat numru 308/08 hawn anness u mmarkat bhala Dok. A);

2. Illi fl-erbgha (4) ta' Marzu 2008 fuq talba ta' Dietmar Josef Mansfeld inhareg il-mandat ta' sekwestru **319/2008** fl-ismijiet 'Dietmar Josef Mansfeld vs Ganymede Limited' kontra l-imsemmija socjeta' esponenti ghall-istess pretensjonijiet ta' dawk tas-sekwestru 308/2008 hawn fuq imsemmi, kemm in kwantu ghas-somma allegatament dovuta, kif ukoll in kwantu ghall-kawzali li ghaliha s-somma hija allegatament dovuta. Ghalkemm jinghad bir-rispett illi l-Qrati taghna m'ghandhomx is-sahha li jordnaw l-inforzar ta' mandati f'idejn persuni li jirrisjedu barra, l-imsemmi mandat numru 319/2008 gie notifikat f'idejn Benjamin Golub fil-Germanja (ara kopja tal-mandat numru 319/2008 hawn anness u mmarkat bhala Dok. B);

3. Illi fl-erbgha (4) ta' April 2008 is-socjeta' esponenti ghamlet rikors fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru **308/2008** fejn attakkat il-hrug ta' l-imsemmi mandat, fost ohrajn fuq il-bazi li:

a) is-sekwestrant ma kellux bazi legali ghall-pretensjonijiet tieghu in kwantu qatt ma kien hemm l-allegat ftehim bejn il-partijiet dwar ebda kumpens;
b) minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz u sekwestrat kien wiehed ferm eccessiv milli seta' qatt kien;
c) is-sekwestrant naqas milli jinterpella lis-socjeta' sekwestrata Ganymede Limited biex thallas l-ammont pretiz qabel ma ottjena l-hrug tal-mandat ta' sekwestru u dan bi ksur ta' l-Artikolu 836(8)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghal dawn il-motivi s-socjeta' Ganymede Limited talbet lill-Qorti biex thassar u tirrevoka l-imsemmi mandat, jew fin-nuqqas ta' dan tordna li l-ammont sekwestrat jigi ridott kif ukoll li tordna lis-sekwestrant Mansfeld jiddepozita l-Qorti ammont bhala garanzija sabiex taghmel tajjeb ghal dak li setghet issofri s-socjeta' Ganymede Limited u anke

ghall-penali li s-sekwestrant jista' jigi ordnat ihallas lill-istess socjeta' (ara l-kopja tar-rikors hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C);

4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-pozizzjoni taghha fil-konfront tal-mandati ta' sekwestru hawn fuq imsemmija, fid-29 ta' April 2008 is-socjeta' Ganymede talbet u ottjeniet il-hrug ta' zewg kontromandati (numri 641 u 642 ta' l-2008, kopji taghhom hawn annessi u mmarkati bhala Dok. D1 u Dok. D2) fl-atti tal-mandati ta' sekwestru hawn fuq imsemmija u dan abbazi tal-fatt li l-istess socjeta' iddepozitat il-Qorti favur is-sekwestrant Mansfeld garanzija bankarja ghall-ammonti mitluba fiz-zewg mandati. Dawn iz-zewg kontromandati gew milqugha mill-Qorti fit-30 ta' April 2008 wara li s-sekwestrant Mansfeld irregistra visto bla oppozizzjoni ghall-kontromandat (ara kopja tal-provvediment tal-Qorti fl-atti taz-zewg kontromandati, hawn annessi u mmarkati bhala Dok. E1 u E2);

5. Illi fit-30 ta' Gunju 2008, wara li nzammet seduta fl-istess gurnata fejn gie ttrattat ir-rikors ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru deskritt hawn fuq f'paragrafu 3, il-Qorti ddecidiet dwar l-imsemmi rikors billi ma laqghetx it-talbiet tas-socjeta' Ganymede Limited peress illi, fil-fehma tal-Qorti, 'fil-mori tar-rikors, is-sekwestrati pprezentaw cedola b'garanzija u l-mandat gie revokat, ghalhekk it-tlett talbiet kif prezentati gew ezawriti' (ara kopja tal-provvediment hawn annessa u mmarkata bhala Dok. F);

6. Illi fl-istess provediment il-Qorti ddikjarat illi ma setghetx tikkunsidra r-rikors mill-lenti ta' l-Artikolu 836(7) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif ikkontendiet is-socjeta' Ganymede Limited u dan peress illi, skond il-Qorti, t-talba li ghandha ssir biex il-Qorti tikkunsidra rikors taht l-Artikolu 836(7) hija differenti minn dik ghar-revoka li saret mis-socjeta' rikorrenti taht l-Artikolu 836(1)(d) fl-imsemmi rikors. Fi kliem il-Qorti stess:

« *Il-Qorti trid tiddeciedi a bazi tat-talbiet li jsirulha u f'dan il-kaz it-talba hija ghar-revoka tal-mandat u mhux biex tinvestiga jekk l-att kawtelatorju relattiv setax isir jew le a*

*bazi tas-subartikolu 836(7) tal-Kap. 12* » (ara par. 5 a fol. 2 tal-provvediment anness u mmarkat bhala Dok. F)

7. Illi s-socjeta’ rikorrenti tissottometti bir-rispett illi l-mandat ta’ sekwestru bin-numri 308/2008 u 319/2008 kienu abbuzivi u ghalkemm, permezz tal-kontromandati numri 641/2008 u 642/2008 dawn il-mandati gew revokati, l-effetti taghhom ghadu jinhass daqs li kieku ghadhom in vigore u dan peress illi l-ammonti mitluba mis-sekwestrant Mansfeld ghadhom marbutin bil-garanzija bankarja li giet depozitata l-Qorti favur l-istess sekwestrant Mansfeld, u dan kif, wara kollox, specifikament kontemplat fl-Artikolu 836(7) tal-Kap. 12;

8. Illi l-abbuz u ksur tal-ligi da parte tas-sekwestrant Mansfeld fiz-zewg sekwestri msemmija (u cioe’ l-mandati ta’ sekwestri 308/2008 u 319./2008) huwa car u manifest u jikkonsisti f’dan li gej:

8.1 Illi ma tezistix bazi legali ghall-pretensjonijiet tas-sekwestrant, lanqas fuq grad *prima facie*. Kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza odjerna, u kif ser jirrizulta ampjament mill-korrispondenza li kien hemm bejn il-partijiet kontendenti, ma kien hemm ebda qbil dwar kumpens lis-sekwestrant ghal fatt li ghamel xi zmien nominat direttur tal-kumpanija sekwestrata Ganymede Limited. Ghalkemm is-sekwestrant kien gie nominat bhala direttur tal-kumpanija Ganymede, fil-fatt qatt ma ghamel l-ebda xoghol ghall-istess socjeta’ sekwestrata u ghalhekk, anke fuq din il-bazi biss, l-ebda ammont ma hu dovut lejh ghas-semplici fatt li ismu kien jidher bhala direttur tas-socjeta’ sekwestrata. Ghandu jigi rilevat illi mhux talli s-sekwestrant Mansfeld ma ghamel l-ebda xoghol ghall-kumpanija, imma l-istess sekwestrant naqas milli jaghmel l-aktar affarijiet bazici mistennija minn direttur ta’ kumpanija bhalma huma fost ohrajn iz-zamma ta’ l-*accounts* tas-socjeta’ lir-Registratur tal-Kumpaniji, iz-zamma ta’ laqghat annwali generali u straordinarji u z-zamma tal-minuti taghhom, ir-registrazzjoni tat-trasferiment ta’ l-uniku assi tal-kumpanija li kien *yacht*. L-istess sekwestrat addirittura pprova jisfratta l-bejgh ta’ l-

imsemmija assi tal-kumpanija kif ukoll sfratta r-relazzjoni ma' l-awdituri ta' l-istess kumpanija – KPMG;

8.2 Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjonijiet tas-sekwestrant huma ferm eccessivi. L-ammont pretizi mis-sekwestrant huma abbuzivament 'l boghod minn ebda ammonti li setghu qatt kienu dovuti lejh mis-socjeta' sekwestrata. Is-sekwestrant fil-fatt jikkontendi li huwa dovut dawk il-fees li jallega li kienu gew maqbula bejnu u d-diretturi tal-kumpanija flimkien ma' *success fee* ta' 5% tal-prezz tal-bejgh ta' l-imsemmi *yacht* bl-isem ta' Elin minn kull azzjonist (u cioe' 10% tal-prezz li gab il-bejgh tal-*yacht*). Barra l-fatt li, kif intqal, qatt ma gie maqbul li xi ammonti kienu jkunu pagabbli lis-sekwestrant Mansfeld talli kellu jservi bhala Direttur, certament li qatt ma gie maqbul li oltre l-*fee* regolari li Mansfield jallega li gie maqbul kellu jsir il-hlas ta' 5% tal-prezz tal-bejgh tal-*yacht* u, wisq anqas, ma gie maqbul li dan is-*success commission* kellu jithallas minn kull azzjonist;

8.3 Illi l-hrug tal-mandati msemmija jikkostitwixxu abbuz tas-sistema legali ntenzjonata biex taghmel pressjoni fuq is-socjeta' sekwestrata (cioe' s-socjeta' esponenti Ganymede Limited) bl-intenzjoni li s-sekwestrant jakkwista dak li jista' mis-socjeta' sekwestrata, anke jekk hu konxju li l-ammont sekwestrat m'huwiex dovut;

9. Illi, oltre dak hawn fuq imsemmi, fir-rigward tal-mandat ta' sekwestru 319/2008 jinghad:

9.1 Illi dan il-mandat hareg u gie notifikat lil sekwestratarju barrani li joqghod barra minn Malta u fil-fatt is-sekwestru gie enforzat il-Germanja u dan kontra kull principju legali dwar il-limitazzjonijiet gurisdizzjonali tal-Qrati taghna;

9.2 Illi dan il-mandat hareg wara li kien inhareg il-mandat l-iehor bin-numru 308/2008 ghalkemm l-ammont mitlub fil-mandat 319/2008 u l-kawzali li ghalihom gie mitlub l-ammont kienu identici ghal dawk fil-mandat bin-numru 308/2008. B'dan il-mod is-sekwestrant Mansfeld ottjena l-hrug ta' zewg mandati ta' sekwestru ghall-

ammonti u kawzali identici minghajr ma, sussegwentement, irrinunzja ghall-ebda minnhom;

10. Illi, oltre dak hawn fuq imsemmi, fir-rigward tal-Mandat ta' Sekwestru 308/2008 jigi sottomess illi l-imsemmi sekwestru gie ezegwit f'idejn, kemm il-Bank of Valletta plc kif ukoll sekwestratarji ohra izda, ghalkemm is-somma mitluba fil-mandat giet issekwestrata f'idejn il-Bank of Valletta plc, is-sekwestrant Mansfeld naqas milli jirrevoka l-istess mandat in kwantu laqat is-sekwestratarji l-ohra;

Ghal dawn il-motivi ir-rikorrent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghall-iskopijiet ta' l-Artikolu 836(7) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tinvestiga jekk il-mandati ta' sekwestru numri 308/2008 u 319/2008, jew min minnhom, setghux isiru jew le; u
2. Tiddikjara li l-imsemmija mandati ta' sekwestru, jew min minnhom, saru kontra l-ligi; u
3. Tirrevoka l-imsemmija mandati ta' sekwestru jew min minnhom; u
4. Fin-nuqqas li l-imsemmija mandati ta' sekwestru, jew min minnhom, ma jigux dikjarati li saru kontra l-ligi u revokati, tordna t-tnaqqis ta' l-ammont tal-garanzija depozitata kif jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-**risposta** ta' Dietmar Josef Mansfeld a fol. 40 *et seq* tal-process li permezz taghha ppremetta:

1. Illi din ir-risposta qed issir in segwitu ta' rikorsipprezentat mis-socjeta' Ganymede Limited fit-13 t'Awwissu 2008, fl-atti tar-rikors guramentat numru 270/2008, u in linea mal-fakolta moghtija lill-esponenti tramite verbal ta' din l-Onorabbli Qorti fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2008;

2. Illi s-socjeta' konvenuta permezz tar-rikors suriferit talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tezamina l-hrug tal-Mandati ta' Sekwestru bin-numri 308/2008 u 319/2008 mahrugin kontriha;

3. Illi s-socjeta' konvenuta fir-rikors imsemmi tallega li dawn il-mandati nhargu b'mod abbuziv u sabiex issostni din l-allegazzjoni taghha telenka diversi allegati fatti u ggib numru ta' argumenti;

4. Illi f'dan l-istadju, t-talba maghmula mis-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkunsidrata strettament fil-grad ta' *prima facie* u dan kif gie tenut bosta drabi mill-Qrati nostrani, filwaqt li l-mertu tal-kaz ghandu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet;

5. Illi ghaldaqstant diversi mill-allegazzjonijiet u argumenti elenkati mis-socjeta' konvenuta, fosthom dawk f'paragrafu 8 punt 8.1, u cioe' li l-esponent '*qatt ma ghamel l-ebda xoghol ghall-istess socjeta' sekwestrata'* u li '*naqas milli jaghmel l-aktar affarijiet bazici*' huma allegazzjonijiet u kwistjonijiet li jmorru 'l hemm mill-*prima facie* u li ghaldaqstant ghandhom jigu ttratti minn din l-Onorabbli Qorti waqt il-kawza aktar milli f'dan l-istadju;

6. Illi aktar minn hekk is-socjeta' konvenuta fl-istess paragrafu 8 punt 8.1 tar-rikors taghha tallega illi '*ma tezistix bazi legali ghall-pretensjonijiet tas-sekwestrant, lanqas fuq grad prima facie*' izda bir-rispett kollu dan l-argument ma jregiex ghaliex kif tammetti l-istess socjeta' konvenuta aktar 'l isfel fl-istess paragrafu, l-esponent kien ghamel xi zmien inkarigat bhala direttur tas-socjeta' konvenuta, u dan kollu l-esponent zgur li qatt ma ghamlu jew kellu l-intenzjoni li jaghmlu b'mod gratwit;

7. Illi kif tammetti s-socjeta' konvenuta stess f'paragrafu 8 punt 8.1 tar-rikors taghha, tezisti korrispondenza bejn il-partijiet kontendenti dwar din il-kwistjoni, liema evidenza allura tista' tingieb quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex hija tiddeciedi fuq il-mertu tat-talba tal-esponent. Ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta qieghdha hija stess tkompli issahhah il-*prima facie* meta taghmel referenza ghal din il-korrispondenza;

8. Illi s-socjeta' konvenuta f'paragrafu 8 punt 8.2 tar-rikors taghha tirreferi ghall-ammonti pretizi bhala

'*abbuzivament 'l boghod minn ebda ammonti li setghu qatt ma kienu dovuti lejh mis-socjeta' sekwestrata*.' Izda, l-ammont pretiz huwa dak li kien miftiehem bejn il-partijiet; is-socjeta' konvenuta ghamlet offerta lill-esponent u huwa accetta u ghaldaqstant is-socjeta' kovenuta ma tistax tmur lura minn kelmtha u tghid li hlas li kienet qablet fuqu ma' l-esponent kien wiehed eccessiv sempliciment ghaliex issa jidhrilha illi s-somma miftiehma hija wahda eccessiva;

9. Illi aktar minn hekk, fl-istess paragrafu s-socjeta' konvenuta tichad li qatt kien hemm xi ftehim ta' hlas bejnha u bejn l-esponent. Pero' oltre dak li diga' ntqal aktar 'l fuq u cioe' illi l-esponent qatt ma accetta jew kellu l-intenzjoni li jservi bhala direttur tas-socjeta' konvenuta minghajr hlas, din il-kwistjoni dwar jekk kienx hemm xi forma ta' ftehim bejn il-partijiet hija wkoll wahda li tmur oltre mill-*prima facie* u li ghandha tigi ttrattata ahjar waqt is-smigh tal-kawza;

10. Illi f'paragrafu 9 punt 9.1 (u kif ukoll paragrafu 2) tar-rikors taghha s-socjeta' konvenuta tilmenta dwar il-fatt illi l-mandat ta' sekwestru 319/2008 gie notifikat f 'idejn Benjamin Golub fil-Germanja u dan ghaliex skond l-istess socjeta' konvenuta l-Qrati Maltin '…..*m'ghandhomx is-sahha li jordnaw l-inforzar ta' mandati f'idejn persuni li jirrisjedu barra*,' hawn l-esponent jirrileva illi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 jipprovdi ghat-trazmissjoni u notifika ta' dokumenti gudizzjarji bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropeja u ghaldaqstant n-notifika tal-mandat 319/2008 fil-Germanja kienet possibbli;

11. Illi aktar minn hekk la darba s-socjeta' konvenuta qed tallega li l-Qrati Maltin m'ghandhomx is-sahha li jordnaw l-inforzar ta' mandat barra mix-xtut ta' Malta, allura l-istess socjeta' konvenuta ma kellha ssib l-ebda oggezzjoni li jinhareg il-mandat bin-numru 319/2008 u dan ghaliex skond hi stess dan il-mandat hu bla effett u ghalhekk ma kienetx ser tkun affettwata minnu.

12. Illi s-socjeta' konvenuta tilmenta wkoll illi nhargu zewg mandati separati fuq l-istess ammonti u kawzali. F'dan ir-rigward l-esponent jirrileva li ghalkemm l-ammonti

u l-kawzali taz-zewg mandati kienu identici, is-sekwestratarji kienu persuni differenti u dan ghaliex fl-ewwel mandat li nhareg u cioe' dak bin-numru 308/2008 Benjamin Golub ma kienx gie notifikat bhala sekwestratarju u ghalhekk l-esponent sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu kellu necessarjament johrog it-tieni mandat u cioe' dak bin-numru 319/2008 u jinnotifikah lil Benjamin Golub fil-Germanja bhala sekwestratarju;

13. Illi sussegwentement inhargu zewg kontromandati (numri 641/2008 u 642/2008) fl-atti tal-mandati ta' sekwestru numri 308/2008 u 319/2008 liema kontromandati gew milqugha mill-Qorti a bazi tal-garanzija bankarja ddepozitata fil-Qorti favur l-esponent u wara li l-istess esponent irregistra visto bla oppozizzjoni ghal dawn il-kontromandati. B'hekk l-esponent wera b'mod car li l-uniku raguni li kellu meta hareg it-tieni mandat kien sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu u la darba giet iddepozitata garanzija bankarja li tkopri l-ammont mitlub u cioe' dak ta' €155,543.91 l-esponent ma sab l-ebda oggezzjoni sabiex jigu revokati z-zewg mandati;

14. Illi s-socjeta' konvenuta tilmenta wkoll f'paragrafu 10 illi ghalkemm is-somma kienet issekwestrata f'idejn il-Bank of Valletta plc, l-esponent naqas milli jirrevoka l-mandat bin-numru 308/2008 fir-rigward tas-sekwestranti l-ohra. Bir-rispett kollu dan l-ilment tas-socjeta' konvenuta m'hux daqshekk rilevanti u dan ghaliex la darba nhargu l-kontromandati ghandhom jitqiesu bhal li kieku revokati u ghaldaqstant ma kienx hemm skop ghalfejn l-esponent jirrevoka mandat li huwa diga' revokat;

15. Illi s-socjeta' konvenuta tibbaza l-erba' talbiet taghha fuq l-artikolu 836(7) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza moghtija minnha fit-30 ta' Mejju 2002 fl-ismijiet *Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited* tipprovdi sintassi ta' l-imsemmi artikolu 836(7):

« *Illi ….. taht **l-artikolu 836(7)** …. Jidher li fil-kaz biss ta' meta 'tigi depozitata fir-registru tal-Qorti garanzija xierqa sabiex tigi sodisfatta t-talba tal-persuna li, fuq talba*

*taghha, l-att kawtelatorju jkun inhareg', u allura l-istess mandat kawtelatorju ma jkunx ghadu in vigore ghaliex ikun hareg kontro-mandat, f'dan il-kaz l-istess Qorti tista' tordna t-tnaqqis ta' l-ammont ta' garanzija. Illi ghalhekk huwa ovvju li f'din ic-cirkostanza biss u cioe' meta tkun saret garanzija idoneja u l-mandat kawtelatorju jkun gja mnehhi li din il-Qorti tista' tagixxi anke ai termini tal-* ***artikolu 836, u dan limitatament sabiex tnaqqas l-istess garanzija offruta mill-intimat fil-mandat, jekk jigi ppruvat li l-istess mandat ma setax isir skond ic-cirkostanzi tal-kaz.***

***Illi fil-fatt l-istess artikolu 836(7) jipprovdi ulterjorment li fejn l-istess att kawtelatorju jkun ghadu fis-sehh, f'dan il-kaz, u f'dan il-kaz biss tista' tordna li 'l-att kawtelatorju jigi revokat'*** *(*enfasi mizjud*)*

*Illi dan huwa ovvju u logiku ghaliex fejn ikun tnehha l-istess att kawtelatorju minhabba l-garanzija offerta ma hemm l-ebda lok ghal talba sabiex jigi revokat il-mandat prekawzjonali. Dan huwa rifless mid-dicitura nnifisha tal-istess subartikolu li jipprovdi li* ***l-Qorti tista' tordna t-tnaqqis tal-garanzija depozitata 'jew tiddikjara li l-att kawtelatorju kontra l-ligi, f'liema kaz ta' l-ahhar (ovvjament li jirreferi ghad-dikjarazzjoni mill-Qorti dwar l-illegalita' tal-istess mandat) ghandha tordna li l-att kawtelatorju jigi revokat'*** (enfasi mizjud).

*Illi … taht l-***artikolu 836 (7)** *dak li l-Qorti tista' taghmel jekk issib li l-att kawtelatorju mahrug ma kellux jinhareg, huwa li fil-kaz li tkun saret il-garanzija, u allura l-att kawtelatorju ma jkunx ghadu jezisti bil-hrug tal-kontro-mandat relattiv, il-Qorti tista' tnaqqas l-ammont ta' garanzija provduta, mentri jekk ma tkunx saret l-istess garanzija, w allura l-Mandat Kawtelatorju jkun ghadu in vigore tordna r-revoka ta' l-att kawtelatorju*. »

16. Illi ghaldaqstant it-talba tas-socjeta' konvenuta hija nfondata kemm fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex la darba z-zewg mandati ta' sekwestru huma diga' revokati permezz tal-kontromandati relattivi, skond l-artikolu 836(7) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta din l-Onorabbli Qorti tista' biss

tikkunsidra jekk il-garanzija bankarja moghtija ghandhiex titnaqqas skond ic-cirkostanzi tal-kaz.

17. Illi aktar minn hekk u minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta’ konvenuta ma ghandha l-ebda rabtiet ma’ Malta u ghalkemm is-socjeta’ konvenuta ghandha l-ufficju registrat taghha gewwa Malta, dan l-indirizz huwa l-indirizz tad-ditta ta’ Avukati li jirraprezentawha. Oltre dan l-ebda wiehed mid-diretturi jew mill-azzjonisti tas-socjeta’ konvenuta m’huma ta’ nazzjonalita’ Maltija jew inkella residenti Malta u aktar minn hekk is-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex assi gewwa Malta ghajr il-garanzija bankarja registrata l-Qorti.

18. Illi f’dawn ic-cirkostanzi din l-Onorabbli Qorti ma tistax tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ konvenuta li tigi mnaqqsa l-garanzija depozitata l-Qorti ghaliex fin-nuqqas ta’ din il-garanzija bankarja moghtija mis-socjeta’ attrici favur l-esponent, l-esponent ma jibqaghlu l-ebda assi fuq xiex jezegwixxi kwalunkwe sentenza li tista’ tinghata favur tieghu minn din l-Onorabbli Qorti.

19. Illi ghaldaqstant l-esponent jissottometti illi t-talbiet tas-socjeta’ konvenuta ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ konvenuta u dan ghal dawk ir-ragunijiet kollha elenkati aktar ‘l fuq f’din ir-risposta.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti ;
Semghet lill John Biagini bil-gurament ;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw :

**Talba**

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li a bazi ta’ l-artikolu 836(7) tal-Kap. 12 dina l-Qorti tiddikjara li s-sekwestri 308/2008 u 319/2008 ma setghux jinhargu billi saru kontra l-ligi; li jigu revokati l-imsemmija mandati, jew fin-nuqqas jintnaqqas l-ammont tal-garanzija depozitata.

Ir-rikorrenti qed jibbazaw it-talba taghhom fuq il-fatt li l-mandati imsemmija kienu abbuzivi billi (1) ma kienx hemm *prima facie* bazi legali ghal pretensjoni ta’ Mansfeld, li

ghalkemm kien gie nominat direttur tal-kumpanija sekwestrata, qatt ma ghamel ebda xoghol ghaliha ; (2) l-ammont miltub hu eccessiv billi ebda *success commission* ma giet miftiehma, (3) il-mandati qed jintuzaw biex jaghmlu pressjoni ingusta fuq ir-rikorrenti biex igieghluhom ihallsuh, (4) li nhargu zewg mandati ghall-istess ammont u ghalkemm inqabad l-ammont li gie sekwestrat f'idejn il-Bank of Valletta, Mansfed naqas milli jirrevoka l-mandat fil-konfront tas-sekwestratarji l-ohra.

**Risposta**

Fir-risposta tieghu Dietmar Mansfeld wiegeb li :

(1) hu kien gie nominat bhala direttur tas-socjeta' sekwestrata u qatt ma kien se joqghod f'dika l-kariga minghajr hlas ;
(2) Kien hemm ftehim dwar il-hlas li kien dovut lilu kif se jigi pruvat fil-mertu tal-kawza li giet prezentata wara l-hrug tal-mandati ;
(3) Illi ghalkemm iz-zewg mandati huma identici, is-sekwestratarji huma differenti. Meta giet depozitata l-garanzija bankarja ghall-ammont sekwestrat, hu kien accetta li l-mandati jigu revokati u la darba nhargu l-kontromandati, l-mandati ghandhom jitqiesu bhal li kieku revokati.
(4) Illi stante li 'ssa z-zewg mandati gew revokati, kull ma jista' jitlobu r-rikorrenti hu li l-garanzija bankarja titnaqqas jekk ikun il-kaz ;
(5) Finalment l-intimat josserva li s-socjeta' sekwestrata m'ghandhiex rabtiet ma' Malta, d-diretturi taghha mhumiex residenti Malta u l-unici assi li ghandha Malta hija l-garanzija bankarja li giet depozitata l-Qorti.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi l-mandati in kwistjoni kienu gew revokati kif jirrizulta mir-rikors ta' Ganymede Ltd (para. 7) u l-proceduri prezenti saru biex il-Qorti tinvestiga jekk mill-bidunett il-mandati setghux jinhargu.

Illi dak li trid tezamina dina l-Qorti f'dan l-istadju hu jekk prima facie kienx jidher li dawk il-mandati setghux johorgu u jekk hargux abbuzivament, u dana bla ma dina l-Qorti tidhol fil-mertu tal-pretenzjoni ta' Mansfeld, billi l-mertu jrid jigi deciz fil-kawza proprja.

L-allegazzjoni tar-rikorrenti li Mansfeld qatt ma ghamel xoghol ghas-socjeta' sekwestrata u x'xoghol ghamel kif ukoll il-kwistjoni kemm ezattament ghandu jkun l-ammont li talvolta jista' jkun dovut lill Mansfeld, huma materja li tolqot il-mertu tal-pretenzjoni ta' l-intimat.

Illi pero' mill-korrispondenza ezibita jirrizulta almenu prima facie li John Biagini ghas-socjeta sekwestrata kien jaf li Mansfeld kien qed jaghmel xi xoghol ghas-socjeta' u li ma kienx qed jahdem ghal xejn imma kien qed jippretendi xi tip ta' hlas. L-intimat kien gie mwieghed xi haga bhala hlas ghalkemm ma jidhirx li prima facie kien sar ftehim fuq somma determinata bhala salarju.

Fit-tieni lok, dwar it-talba ghall-commission fuq il-bejgh tal-yacht jidher li ma hemmx qbil bejn il-partijiet fuq il-valur tal-bejgh tal-yacht ghalkemm Biagini pprezenta Bill of Sale a fol 62 Dok JB10 ghall-ammont ta' US Dollars 600,000 u qed jippretendi li se mai jekk hi dovuta xi commission dina ghandha tkun fuq dana l-ammont u mhux fuq xi ammont iehor li qed jippretendi l-intimat.

Wara li qieset il-provi prodotti, il-Qorti hi tal-fehma li prima facie jirrizulta li l-mandati ma hargux abbuzivament, izda fic-cirkostanzi, in vista ta' dak li nghad aktar 'l fuq dwar it-talba ghas-salarju u l-commission tidher li dina hija eccessiva, u ghalhekk l-ammont tal-garanzija ghandu jigi ridott ghall Euro 100,000.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara li l-mandati ta' sekwestru numri 308/2008 u 319/2008 ma hargux kontra l-ligi;
tordna t-tnaqqis ta' l-ammont tal-garanzija depozitata fl-ammont ta' Euro 100,000 (mitt elf Euro).

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------